**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Ottubru, 2022**

**Rikors Kostituzzjonali Nru: 31/2022**

***RAMON FENECH***

***VS.***

***AVUKAT TAL-ISTAT***

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza dwar azzjoni mibdija minn Ramon Fenech taħt l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem** għaliex qiegħed isostni li huwa ġarrab jew x'aktarx sejjer iġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq minħabba li fi proċess kriminali li hemm għaddej kontrih, il-prosekuzzjoni ressqet bħala prova, stqarrija tas-17 ta' Mejju, 2009, li ġiet mogħtija minnu waqt interrogazzjoni li saritlu mill-Pulizija mingħajr ma laħaq kellem avukat minn qabel;

***Daħla***

2. B'rikors imressaq fit-**<u>18 ta' Jannar, 2022</u>**, Ramon Fenech fisser li fis-17 ta' Mejju, 2009 huwa kien ġie interrogat mill-Pulizija minħabba li wieħed Simon Lincton Sancto kien stqarr mal-pulizija li huwa kiseb id-droga estasi mingħandu;

3. Aktar tard, il-pulizija fetħu proċeduri kriminali kontrih u wara li ngħalqet il-kumpilazzjoni, l-Avukat Ġenerali ħareġ l-att tal-akkuża 17/2014 fejn fiha huwa akkużah bi traffikar u pussess tad-droga estasi;

4. Ramon Fenech jgħid li huwa ressaq eċċezzjoni quddiem il-Qorti Kriminali fejn fiha huwa qal li l-istqarrija li ġiet prodotta fil-proċeduri kirminali ma tiswiex minħabba li din ittieħdet mingħajr l-għajnuna ta' avukat. Din l-eċċezzjoni però ma ġietx milqugħa mill-Qorti Kriminali għaliex din tressqet tard;

5. Skont Ramon Fenech il-ġurisprudenza fil-qasam tal-ħarsien tal-jedd ta' smigħ xieraq, hija fis-sens li fi proċeduri kriminali ma tistax tintuża stqarrija li tkun ingħatat mingħajr assistenza ta' avukat. Iżid jgħid li s-silenzju tiegħu fl-istqarrija jista' jintuża kontrih għaliex il-każ tiegħu ħa jinstema' minn ġurati li m'għandhomx esperjenza u għarfien legali tajjeb. Minħabba f'hekk, huwa qiegħed jitlob lil din il-qorti sabiex:

> *«i. Tiddikjara li l-esponent sofra, qiegħed isofri jew x'aktarx ser isofri leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq kif protett bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta peress, illi l-istqarrija meħuda minnu nhar is-17 ta' Mejju, 2009 ttieħdet mingħajr ma ngħata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat waqt l-interrogatorju tiegħu;*
>
> *ii. Tordna li l-istqarrija rilaxxata minnu mingħajr ma ġie mogħti d-dritt li jikkonsulta ma' avukat tiġi ddikjarata inammissibbli u konsegwentement tiġi estromessa mill-inkartament tal-provi kontra l-esponent b'dan li ma għandu jsir l-ebda referenza għaliha waqt il-kors tal-ġuri; jew*
>
> *iii. Tieħu dawk il-provvedimenti u takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fiċ-ċirkostanzi sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet fundamentali tal-esponent;*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-intimati.»*

6. Il-konvenut Avukat tal-Istat ressaq risposta fil-**<u>11 ta' Frar, 2022</u>** u fiha huwa qal dan li ġej:

i. li Ramon Fenech ta żewġ stqarrijiet lill-Pulizija u mhux waħda: l-ewwel stqarrija ġiet imneħħija mill-proċess kriminali permezz ta' sentenza tal-Qorti Kriminali tat-2 ta' Ġunju, 2016, li ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Frar, 2017;
ii. li Fenech messu għalhekk attakka t-tieni stqarrija bl-istess proċedura li attakka l-ewwel stqarrija;
iii. li l-Qorti Kriminali għamlet sew li ma qisitx l-oġġezzjoni tiegħu dwar it-tieni stqarrija għaliex din l-oġġezzjoni ma saritx fit-terminu msemmi fil-liġi;
iv. li din il-qorti m'għandhiex tagħmilha ta' appell fuq id-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali;
v. li Fenech m'għandux interess ġuridiku li jressaq din il-kawża għaliex fit-tieni stqarrija ma hemm xejn li jista' jitfa' dell ta' ħtija fuqu;
vi. li l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** ma japplikax għal dan il-każ għaliex l-istqarrija li qiegħda tiġi attakkata f'din il-kawża ttieħdet qabel ma nbeda l-proċess kriminali;
vii. li l-ilment ta' Fenech tressaq kmieni għaliex il-proċess kriminali għadu ma ntemmx;
viii. li waqt il-ġuri Fenech ħa jkollu l-jedd li jtella' l-provi kollha tiegħu u li jagħmel il-kontro-eżamijiet tal-provi mressqa mill-prosekuzzjoni; u
ix. li Fenech mhuwiex ħa jġarrab preġudizzju minħabba l-fatt li huwa ma qal xejn fit-tieni stqarrija, peress li fiż-żmien li ttieħdet din l-istqarrija, il-liġi kienet li l-inferenza mis-silenzju setgħet tinstilet biss jekk kemm-il darba l-interrogat ikun ħa parir minn avukat qabel ma jkun poġġa għall-interrogazzjoni – ħaġa li ma kienx hemm f'dan il-każ;

7. Il-partijiet għalqu l-provi fit-30 ta' Mejju, 2022 u ressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-mitkub;

8. Fil-21 ta' Ottubru, 2022 inżamm smigħ fejn il-partijiet għamlu l-aħħar rappreżentazzjonijiet tagħhom dwar il-każ u minn hemmhekk il-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;

***Fatti***

9. Fil-15 ta' Lulju, 2010, il-Pulizija ħarrket lil Ramon Fenech quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fis-7 ta' Diċembru, 2005 u matul ix-xhur ta' qabel, huwa kellu fil-pussess tiegħu u qassam id-droga estasi lil ħaddieħor mingħajr il-permess tas-Sovrintendent tas-Saħħa Pubblika;

10. Waqt is-seduta miżmuma fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fil-21 ta' Lulju, 2010, l-Ispettur Pierre Grech ippreżenta żewġ stqarrijiet mogħtija minn Ramon Fenech, waħda tat-2 ta' Awwissu, 2005 u oħra tas-17 ta' Mejju, 2009. It-tieni stqarrija, li hija l-mertu ta' din il-kawża, ġiet iffirmata minn Ramon Fenech (ara paġni 19 u 20 tal-atti tal-kawża);

11. Meta ttieħdu dawn iż-żewġ stqarrijiet, il-liġi ma kinitx għadha tipprovdi lill-interrogat bil-jedd li seta' jieħu parir mingħand avukat qabel joqgħod għall-interrogazzjoni. Dan il-jedd kien daħal fis-seħħ fl-10 ta' Frar, 2010, permezz tal-**Avviż Legali 35 tal-2010**. Fil-fatt l-Ispettur Pierre Grech (illum irtirat) xehed li huwa ma kienx ta dan id-dritt lil Ramon Fenech (ara paġna 23 tal-atti tal-kawża);

12. Wara li ntemmet il-kumpilazzjoni, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Istruttorja ddikjarat li kien hemm biżżejjed provi sabiex Ramon Fenech jitqiegħed taħt att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminali;

13. Din l-att ta' akkuża bin-numru ta' riferenza 17/2014 fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Ramon Fenech***, ħarġet aktar tard mill-Avukat Ġenerali*;*

14. B'nota ppreżentata fit-22 ta' Ottubru, 2014 taħt l-**artikolu 438(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta**, Ramon Fenech ressaq għadd ta' eċċezzjonijiet preliminari. Fost l-eċċezzjonijiet imressqa minnu kien hemm l-eċċezzjoni li l-ewwel stqarrija tiegħu tat-2 ta' Awwissu, 2005 ma kellhiex titqies bħala prova valida f'għajnejn il-liġi għaliex din ittieħdet mingħajr l-għajnuna ta' avukat. Dwar it-tieni stqarrija tas-17 ta' Mejju, 2009, Ramon Fenech ma semma xejn;

15. B’sentenza mogħtija fit-2 ta’ Ġunju, 2016, il-Qorti Kriminali laqgħet din l-eċċezzjoni ta’ Ramon Fenech u b’hekk hija ordnat li l-ewwel stqarrija tat-2 ta’ Awwissu, 2005 kellha titneħħa mill-atti tal-kawża kriminali;

16. Din is-sentenza ġiet appellata mill-Avukat Ġenerali iżda l-appell tiegħu ġie miċħud mill-Qorti tal-Appell Kriminali, b’sentenza mogħtija fit-23 ta’ Frar, 2017. B’hekk id-deċiżjoni li l-ewwel stqarrija kellha titneħħa mill-karti tal-kawża kriminali ġiet ikkonfermata;

17. Fil-21 ta’ Marzu, 2017, Ramon Fenech ressaq rikors quddiem il-Qorti Kriminali taħt il-***proviso*** tal-**artikolu 449(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta** sabiex huwa jitħalla jressaq eċċezzjoni preliminari oħra sabiex jattakka, din id-darba, it-tieni stqarrija tas-17 ta’ Mejju, 2009, minħabba li din ukoll ingħatat fin-nuqqas ta’ avukat;

18. Dan ir-rikors iżda ġie miċħud b’deċiżjoni tal-Qorti Kriminali mogħtija fil-15 ta’ Diċembru, 2021, peress li skont dik il-qorti din l-eċċezzjoni kien messha tqajmet flimkien mal-eċċezzjonijiet preliminari l-oħra fit-terminu ta’ ħmistax-il jum tax-xogħol mid-data tan-notifika tal-att tal-akkuża skont l-**artikolu 438(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta**. Minbarra dan, il-Qorti Kriminali sabet li din l-eċċezzjoni kienet qed tintalab fil-vojt għaliex fit-tieni stqarrija tas-17 ta’ Mejju, 2021 ma kien hemm xejn li seta’ jitfa’ xi ħtija kriminali fuq Ramon Fenech;

19. Fit-18 ta’ Jannar, 2022 imbagħad tressqet din il-kawża kostituzzjonali;

***Konsiderazzjonijiet***

20. F’din il-kawża l-qorti qiegħda tintalab biex tiddeċiedi jekk hija għandhiex tħalli l-istqarrija ta’ Ramon Fenech mogħtija fis-17 ta’ Mejju, 2009, fl-atti tal-kawża kriminali li hemm miexja kontrih. Ramon Fenech isostni li din l-istqarrija għandha titneħħa mill-karti tal-kawża kriminali għaliex meta kien għamilha, il-Pulizija ma tawhx il-jedd li jieħu parir minn qabel mingħand avukat;

21. L-ewwel linja ta' difiża li tressqet mill-Avukat tal-Istat hija li jekk Ramon Fenech ried li jneħħi din l-istqarrija mill-atti tal-kawża kriminali, huwa messu ressaq eċċezzjoni preliminari quddiem il-Qorti Kriminali fiż-żmien li tgħid il-liġi, hekk bħalma għamel fir-rigward tal-ewwel stqarrija tat-2 ta' Awwissu, 2005. L-Avukat tal-Istat iżid jgħid ukoll li din il-qorti m'għandhiex isservi bħala *forum* ta' appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali tal-15 ta' Diċembru, 2021, li ma ħallitux jikkontesta t-tieni stqarrija għaliex appuntu din l-eċċezzjoni tressqet tard;

22. Din id-difiża tal-Avukat tal-Istat hija mibnija fuq il-ħsieb li, qabel ma persuna tersaq quddiem din il-qorti biex tingħata rimedju għall-ksur ta' jedd fundamentali tagħha, hija trid tkun inqdiet l-ewwel bir-rimedji l-oħrajn li l-liġi tagħti lil dik il-persuna f'dik il-qagħda;

23. Insibu fil-***provisos*** għall-**artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u għall-**artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta**, li l-leġislatur ħalla fl-għaqal tal-qorti mogħnija bis-setgħat kostituzzjonali, biex min-naħa l-waħda ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali jew konvenzjonali bla bżonn, u biex min-naħa l-oħra jiġi żgurat li f'każijiet li jixirqu li jiġu eżaminati taħt il-lenti kostituzzjonali jew konvenzjonali, dawn jiġu hekk eżaminati fid-dawl tar-rimedju jew rimedji li huma, jew kienu disponibbli favur il-persuna li tkun qed tallega ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha. Tassew il-*provisos* ta' dawn iż-żewġ artikoli mhumiex maħsuba biex il-qorti taħrab mir-responsabbilità li tqis ilmenti ta' bixra kostituzzjonali, iżda fuq ix-xaqliba l-oħra weħed irid iqis li jekk hemm jew kien hemm rimedji ordinarji xierqa u effettivi, il-qorti għandha l-għażla li tmil lejn iċ-ċaħda tal-eżerċizzju tas-setgħat tagħha taħt l-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali fuq imsemmija (ara ***Elvia Scerri et v. Awtorità tad-Djar et*** deċiża mill-Qort Kostituzzjonali fit-13 ta' April, 2018);

24. Id-diskrezzjoni dwar jekk qorti tagħżilx li twettaq is-setgħat kostituzzjonali tagħha jew le tista' titqajjem mill-istess qorti minn rajha, anke jekk ma jkunx hemm eċċezzjoni formali mill-partijiet (ara ***Easygas Malta Ltd v. Ministru għar-Riżorsi***

***u Affarijiet Rurali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Novembru, 2012, ***Olaf Ċini v. Ir-Repubblika ta' Malta et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Ottubru, 2013, ***Valletta Freight Services Limted v. Direttur Qrati Ċivili u Tribunali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Novembru, 2015 u ***Rosaria Borġ Busuttil v. Onorevoli Prim Ministru et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Lulju, 2019);

25. Ingħad li persuna ma tistax tippretendi li tirċievi rimedju minn qorti mogħnija b'setgħat kostituzzjonali meta jirriżulta li hija stess tkun għażlet li ma tużax ir-rimedji ordinarji li kienet tagħtiha l-liġi ordinarja. Dan għaliex kif sew imtenni fis-sentenza, ***Nardu Balzan Imqareb v. Reġistratur tal-Qrati tal-Ġustizzja*** mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (sede kostituzzjonali) fit-18 ta' Mejju, 2006,

> *«Rikorsi Kostituzzjonali huma, min-natura tagħhom, speċjali u straordinarji, u meta s-sistema ordinarja ta' ridress tipprovdi mod ta' soluzzjoni effettiva, dik is-sistema ordinarja trid tiġi użata u adottata qabel ma' l-Gvern, jew l-amministrazzjoni tagħha, jiġi akkużat bi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Ma jistax jingħad li l-Gvern ikun kiser id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadin, meta liċ-ċittadin ikunu pprovduti u hemm disponibbli għalih rimedji għal-lanjanzi tiegħu.»*

26. Kif qalet tajjeb il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ***John Sammut v. Awtorità tal-Ippjanar et*** deċiża fis-27 ta' Frar, 2003, il-fatt li għemil jew nuqqas partikolari jkun jikser dritt fundamentali ma jfissirx tabilfors li l-uniku rimedju effettiv huwa dak kostituzzjonali jew konvenzjonali. Kieku kien hekk, il-***provisos*** tal-**artikolu 46(2)** tal-**Kostituzzjoni** u tal-**artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta** kienu jkunu superfluwi jew saħanistra bla sens (ara f'dan is-sens is-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' April, 2000 fl-ismijiet ***Adel Mokhtar Al Sakalli v. Onor. Prim Ministru et*** u tal-31 ta' Mejju, 2000 fl-ismijiet ***Teddy Rapa v. Chairman tal-Awtorità tal-Ippjanar et***);

27. Dejjem fuq din l-istess linja ta' ħsieb, ġie miżmum ukoll fis-sentenza, ***Tat-Taljan Company Limited v. L-Awtorità tal-Ippjanar*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta' Novembru, 2001 li,

*«sakemm tibqa' il-possibilità li leżjoni ta' xi dritt fundamentali seta' kien, jew għad jista' jiġi, rettifikat bil-proċeduri w mezzi ordinarji provduti mil-liġi, ikun ġeneralment il-każ li din il-Qorti tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha. Fejn għad hemm disponibbli mezzi ordinarji, dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li r-rimedji ordinarji jiġu eżawriti definittivament jew meta ma jkunux disponibbli.»*

28. Anke f'sentenzi aktar riċenti l-qrati kostituzzjonali qagħdu lura milli jieħdu għarfien ta' ilmenti kostituzzjonali meta ntebħu li r-rikorrenti kienu naqsu kompletament milli jinqdew bir-rimedji li kienet tagħtihom il-liġi (ara ***Horace sive Grezzju Cassar v. L-Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-10 ta' Jannar, 2005, ***John Mary Chircop v. Kummissarju tal-Pulizija et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Lulju, 2007, ***Olaf Ċini v. Ir-Repubblika ta' Malta et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Ottubru, 2013, ***Gafà Saveways Limited v. Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Ottubru, 2015 u ***JA&M Developments Limited v. L-Avukat Ġenerali et et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta' Novembru, 2020) jew meta r-rikorrent jagħmel użu ħażin mill-jedd mogħti lilu bil-liġi ordinarja (ara b'eżempju ***A & J Hili ta' Miema Ltd. vs. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud***, Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' Frar, 2005);

29. Naturalment meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fundamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser. Fuq kollox, dan ir-rimedju jrid jkun wieħed aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat (ara ***Tonio Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' April, 1991 u ***Louise Xerri et v. Kummissarju tal-Artijiet*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Mejju, 2016). M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li ser jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed iżda li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi użat b'mod prattiku, effettiv u effikaċi (ara ***Rea Ceramics Limited v. Kunsill Malti Għall-Isport et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Lulju, 2014);

30. Tassew ir-regola li trid, li min idur għar-rimedju straordinarju għandu qabel ifittex ir-rimedji ordinarji kollha, ma hix xi regola teknika ta' applikazzjoni awtomatika. Il-qorti għandha diskrezzjoni biex tara jekk, fiċ-ċirkostanzi, ir-rimedju ordinarju kienx ikun biżżejjed għall-ħarsien tad-drittijiet fondamentali; ħalli b'hekk ma jsirx rikors għar-rimedji straordinarji, meta dawk ordinarji kienu jkunu biżżejjed. Ma hemm ebda ħtieġa, iżda, illi r-rikorrent ikun ħela ħin u spejjeż fi proċeduri li x'aktarx ma jagħtuhx rimedju tajjeb (ara ***Evelyn Montebello et v. L-Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Lulju, 2018 u ***Louis Apap Bologna v. Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Marzu, 2019); jew meta l-possibbiltà li jingħata rimedju taħt il-liġi ordinarja tkun waħda remota (ara ***Joseph Bartolo v. Onorevoli Prim Ministru*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta' Diċembru, 2002, ***John Mattei et v. L-Awtorità tad-Djar et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru, 2018 u ***Glen James Scott v. L-Onorevoli Prim Ministru et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Jannar, 2022);

31. Imħaddma dawn il-prinċipji għall-każ tagħna, il-qorti mingħajr wisq tidwir mal-lewża, tqis li l-Avukat tal-Istat għandu raġun biex ibiegħ meta jgħid li jekk Ramon Fenech ried jikkontesta t-tieni stqarrija tiegħu tas-17 ta' Mejju, 2009, huwa messu ressaq eċċezzjoni preliminari fil-ħin quddiem il-Qorti Kriminali, bħalma għamel dwar l-ewwel stqarrija tiegħu tat-2 ta' Awwissu, 2005;

32. Skont l-**artikolu 438(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta**, l-eċċezzjonijiet preliminari li għandhom x'jaqsmu mas-siwi tal-provi jeħtieġ li jitressqu mill-akkużat quddiem il-Qorti Kriminali sa mhux aktar tard minn ħmistax-il jum tax-xogħol mid-data tan-notifika lilu tal-att ta' akkuża. Mhux possibbli għall-akkużat li jressaq eċċezzjonijiet preliminari oħra wara dan it-terminu, sakemm il-Qorti Kriminali ma tawtorizzahx biex iressaqhom skont il-***proviso*** tal-**artikolu 449(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta**, minħabba li dawn l-eċċezzjonijiet jkunu nqalgħu wara li jkunu laħqu għaddew il-ħmistax-il jum tax-xogħol imsemmija fl-**artikolu 438(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta**;

33. Sewwasew f'dan il-każ, il-Qorti Kriminali mxiet sew meta bid-deċiżjoni tagħha tal-15 ta' Diċembru, 2021, hija ma awtorizzatx lil Ramon Fenech biex iressaq eċċezzjoni ġdida biex jattakka s-siwi tat-tieni stqarrija tiegħu mogħtija fis-17 ta' Mejju, 2009;

34. Meta fit-22 ta' Ottubru, 2014, Ramon Fenech ippreżenta n-nota tal-eċċezzjonijiet preliminari tiegħu skont l-**artikolu 438(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta**, huwa kien jaf bl-eżistenza tal-istqarrija tiegħu mogħtija minnu aktar minn ħames snin qabel. Għalhekk bħalma fin-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu huwa attakka l-ewwel stqarrija tat-2 ta' Awwissu, 2005, huwa messu attakka wkoll it-tieni stqarrija tas-17 ta' Mejju, 2009. Dan aktar u aktar, meta wieħed iqis li r-raġuni għaliex Fenech qiegħed jattakka t-tieni stqarrija tiegħu hija l-istess raġuni għaliex attakka l-ewwel stqarrija, *viz*. li din ittieħdet bla parir ta' avukat;

35. Huwa ċar f'għajnejn il-qorti li l-ħajra ta' Ramon Fenech biex jattakka t-tieni stqarrija tas-17 ta' Mejju, 2009 twieldet wara li l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Frar, 2017, ikkonfermat id-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali li titneħħa l-ewwel stqarrija tiegħu tat-2 ta' Awwissu, 2005. Kemm hu hekk, ir-rikors taħt il-***proviso*** tal-**artikolu 449(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta** biex iressaq eċċezzjoni preliminari kontra t-tieni stqarrija sar ftit inqas minn xahar wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Dan ir-rikors iżda sar tard wisq għaliex jekk huwa ried li titneħħa t-tieni stqarrija huwa messu ressaq din l-eċċezzjoni fin-nota tat-22 ta' Ottubru, 2014 u mhux b'rikors wara li t-terminu tal-**artikolu 438(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta** kien ilu li għalaq b'madwar sentejn u nofs;

36. Ir-rimedju tal-eċċezzjonijiet preliminari taħt il-**Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta** kien wieħed disponibbli għal Ramon Fenech u seta' jtih dak li xtaq, *viz*. li titwarrab it-tieni stqarrija mill-proċess kriminali. Wara kollox hija ġurisprudenza maqbula li rimedju tal-eċċezzjonijiet preliminari quddiem il-qrati kriminali huwa wieħed li huwa xieraq u effettiv (ara ***Yorgen Fenech v. L-Avukat tal-Istat*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-1 ta' Diċembru, 2021 u ***Mark sive Marco Paċe v. L-Avukat***

***Ġenerali*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-7 ta' April, 2022);

37. Sfiq ma' dan, din il-qorti jidhrilha li llum il-ġurnata, anke minħabba żvilupp fil-ġurisprudenza tal-qrati kriminali, akkużati m'għandhomx għalfejn joqgħodu jiftħu kawżi kostituzzjonali jew jitolbu lill-qrati kriminali sabiex issir referenza kostituzzjonali sabiex jitolbu t-tneħħija ta' stqarrijiet mogħtija fl-assenza ta' avukat mill-atti tal-kawża kriminali. It-talba għat-tneħħija tal-istqarrija tista' ssir quddiem il-qrati kriminali stess, li għandhom is-setgħa li jekk jidhrilhom xieraq, li jordnaw it-tneħħija ta' dik l-istqarrija mill-karti tal-kawża kriminali (ara ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Francis Xerri*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Anthony Buġeja et***, it-tnejn deċiżi mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Ġunju, 2022). B'dan il-mod jiġi wkoll evitat dewmien bla bżonn sabiex jintemmu l-proċeduri kriminali;

38. Lura għall-każ tagħna, kemm dan ir-rimedju quddiem il-qrati kriminali seta' jkun tajjeb u effettiv joħroġ mill-fatt li l-eċċezzjoni preliminari tiegħu dwar in-nuqqas ta' siwi tal-ewwel stqarrija tiegħu, minħabba li din inġabret mingħajr l-assistenza ta' avukat, ġiet milqugħa mill-Qorti Kriminali b'sentenza tat-2 ta' Ġunju, 2016 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza mogħtija fit-23 ta' Frar, 2017, bir-riżultat li din l-istqarrija ġiet imneħħija mill-atti kriminali;

39. Għar-raġunijiet tiegħu, Ramon Fenech iżda ma ressaqx eċċezzjoni preliminari biex jikkontesta wkoll it-tieni stqarrija fit-terminu mogħti lilu bl-**artikolu 438(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta**. Dan in-nuqqas għandu jġarrbu Ramon Fenech għaliex huwa kien messu nqeda bir-rimedji li tagħtih il-liġi. F'dan ir-rigward hu miżmum li jekk persuna tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tagħmel użu tar-rimedju ordinarju, hija ma tistax imbagħad tieħu passi kostituzzjonali bħala rimedju *in extremis* (ara ***Domenico Savio sive Savio Spiteri v. Chairman Awtorità tal-Ippjanar et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Ġunju, 1999 u ***Michael Borġ v. Onorevoli Prim Ministru et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Ottubru, 2017);

40. Għaldaqstant ladarba Ramon Fenech naqas milli juża fil-ħin ir-rimedju ordinarju mogħti lilu taħt l-**artikoli 438(2)** u **449(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta**, huwa ma jistax jinqeda b'din il-kawża kostituzzjonali biex jipprova jsewwi dan in-nuqqas tiegħu. Tabilħaqq jekk Ramon Fenech jitħalla jmexxi din il-kawża, l-istitut tal-kawżi kostituzzjonali jibda jiġi abbużat minn kulħadd u fl-istess waqt il-proċeduri ordinarji jiġu mċekkna u mnaqqsa fl-iskop u fil-valur tagħhom;

41. Bħala għeluq, il-qorti taqbel ukoll mal-Avukat tal-Istat meta jisħaq li Ramon Fenech ma jistax juża din il-kawża kostituzzjonali bħala forma ta' appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali mogħtija fil-15 ta' Diċembru, 2021, li ċaħdet it-talba tiegħu biex jitħalla jressaq b'mod tardiv l-eċċezzjoni preliminari tiegħu dwar is-siwi tat-tieni stqarrija. Ħaġa bħal din mhijiex permessa u ma taqax fl-iskop tal-proċeduri kostituzzjonali. Barra minn hekk, kif ingħad aktar kmieni, il-Qorti Kriminali kienet għalkollox siewja meta qalet li ma kienx hemm raġunijiet fejjieda biex tħalli lil Ramon Fenech iressaq b'mod tardiv l-eċċezzjoni tiegħu dwar is-siwi tat-tieni stqarrija tas-17 ta' Mejju, 2005;

42. Din il-qorti għalhekk tħoss li huwa xieraq li f'dan il-każ ma tinqediex bis-setgħat mogħtija lilha taħt il-**Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta**, ladarba Ramon Fenech ma ħax ħsieb jinqeda kif imiss bir-rimedji li l-liġi kriminali kienet tagħtih biex ineħħi t-tieni stqarrija tiegħu mill-karti tal-proċess kriminali;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda **<u>tilqa</u>**' l-eċċezzjonijiet preliminari tal-Avukat tal-Istat li ladarba Ramon Fenech ma attakkax fil-ħin it-tieni stqarrija skont il-liġi kriminali, bħalma għamel fil-każ tal-ewwel stqarrija u ladarba din il-qorti qiegħda taqbel ukoll mad-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali tal-15 ta' Diċembru, 2021 li ma aċċettatx li huwa jitħalla jressaq eċċezzjoni preliminari b'mod tardiv, allura hemm raġunijiet biżżejjed biex din il-qorti tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha biex tqis l-ilmenti tar-rikorrent fil-mertu.

L-ispejjeż kollha tal-kawża għandhom jitħallsu minn Ramon Fenech.

---

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

---

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**